**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2003**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IR-RABA' SENA | RELIĠJON | ĦIN: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

**ISEM:** ______________________________ **KLASSI:** __________

## TAQSIMA A

**Wieġeb fil-qosor għal dawn il-mistoqsijiet.**

1. Għaliex nemmnu li l-bniedem huwa l-quċċata tal-ħolqien?

   ______________________________

2. Min qaleb il-Bibbja kollha bil-Malti mil-lingwi oriġinali?

   ______________________________

3. Għid għaliex Mosè huwa persunaġġ importanti fit-Testment il-Qadim?

   ______________________________

4. Għaliex David kien ikkunsidrat bħala s-sultan ideali tal-Poplu Lhudi?

   ______________________________

5. F'liema ktieb tal-Bibbja naqraw li Alla waħdu hu s-Sid ta' kollox?

   ______________________________

6. Min huma s-Suċċessuri ta' l-Appostli llum?

   ______________________________

7. Il-Knisja għandha d-don tal-infallibiltà, jiġifieri li ma tistax tiżbalja. F'liema tagħlim il-Knisja għandha dan id-don li ma tiżbaljax?

   ______________________________

8. Lil min jingħata s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri? Għid ukoll għalfejn isir dan.

   ______________________________

   ______________________________

9. X'jagħmel il-Moviment Ekumeniku biex ikun hemm l-għaqda sħiħa fil-Knisja?

   ______________________________

10. Semmi żewġ tixbihat li magħhom Ġesù qabbel il-Knisja tiegħu.

    ______________________________

11. Semmi żewġ ġrajjiet fejn naraw lil Ġesù jaħfer 'il-midinbin.

    ______________________________

**(22 marka)**

## TAQSIMA B

**Fisser dawn il-kelmiet jew frażijiet.**

1. Is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (il-Qrar).

2. Il-Kanoni tal-Kotba Mqaddsa.

3. L-ewwel  Eżodu mill-Eġittu.

4. Is-serp fir-rakkont tal-ħolqien fil-ktieb tal-Ġenesi.

5. Id-dnub oriġinali.

6. Il-Patt tas-Sinaj.

7. Il-Knisja.

8. L-Omelija fil-Quddiesa (Il-Prietka tal-Ħdud u l-festi).

9. L-Ewkaristija.

10. Il-Pubblikani.

**(30 marka)**

## TAQSIMA Ċ

Agħżel **tnejn** mill-mistoqsijiet 1, 2, 3 jew 4 u wieġeb fit-tul fuq il-karta pprovduta.

1. a) Fl-Evanġelju ta' San Luqa nsibu lil Ġesù jistagħġeb bil-fidi kbira li wera ċ-ċenturjun ("Mulej ma jistħoqqlix ..." ). Irrakkonta din il-ġrajja.

   b) Ikteb x'tgħallimna l-Knisja dwar **tnejn** minn dawn li jmorru kontra l-fidi tagħna f'Alla.
      (i) is-superstizzjonijiet.
      (ii) l-oroskopju (it-twemmin fl-istilel).
      (iii) il-fanatiżmu.
      (iv) is-sataniżmu.

   ċ) Alla tana r-rigal tal-Fidi. Għid kif inti tista' turi t-twemmin tiegħek fil-ħajja ta' kuljum. Ikteb x'taf dwar **wieħed** minn dawn il-persunaġġi.
      (i) Santu Wistin
      (ii) Santa Tereża ta' Avila
      (iii) Sant' Injazju ta' Loyola
      (iv) Charles de Foucauld
      (v) Il-patrun/a tal-parroċċa tiegħek jew qaddis/a ieħor/oħra.

**(24 marka)**

2. Ġesù tana Kmandament ġdid: "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien."

a) Ikteb il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb.

b) Aħna msejħin biex nixbhu lil Ġesù. Għid kif aħna nistgħu ngħinu lill-oħrajn bħalma kien jgħallimna Ġesù.

ċ) Il-vera paċi mhix biss nuqqas ta' gwerra iżda hi xewqa sinċiera għall-għaqda mal-bnedmin kollha (l-aktar dawk li ngħixu magħhom ta' kuljum). Fisser dawn li ġejjin:-

(i) inwarrbu kull tilwim u għira fil-familji.
(ii) kull nazzjon irid jirrispetta d-drittijiet tan-nazzjonijiet l-oħra.
(iii) il-bżonn li nżommu ruħna infurmati għax id-dinja hija bħal familja waħda.
(iv) Il-ħidma għall-paċi tibda billi nneħħu minn moħħna u minn qalbna kull sentiment ta' ġlied, ta' disprezz, ta' sfiduċja u ta' vendetta.

**(24 marka)**

3. Il-Bibbja hija "l-Kelma t'Alla miktuba" għaliex hija mnebbħa minn Alla nnifsu.

a) Il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Kotba Mqaddsa nsejħulha 'Ispirazzjoni'. Fisser.

b) Għid għaliex huwa meħtieġ li l-Bibbja tiġi mfissra lilna mill-mexxejja tal-Knisja.

ċ) Uri r-rabta li hemm bejn il-Bibbja u ħajjitna. (Agħti żewġ eżempji mill-Evanġelji)

**(24 marka)**

4. Il-Knisja temmen u tistqarr li fil-persuna ta' Ġesù hemm in-natura ta' Alla u n-natura ta' Bniedem.

a) Ikteb x'taf dwar:

(i) Il-mirakli li kien jagħmel Ġesù
(ii) Il-kliem li qal fuqu nnifsu
(iii) Il-Qawmien mill-mewt Tiegħu

b) Għaliex aħna nemmnu li Ġesù kien ukoll bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub? Fi kliemek irrakkonta **<u>żewġ ġrajjiet</u>** li juru li Ġesù kien bniedem bħalna.

**(24 marka)**